MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Numru. 163/2001

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**CLARE BORG ta’ 30 sena, bint Paul Borg u Lindfa Pearson, imwielda Londra nhar l-10 ta’ Mejju, 1979, residenti fil-fond numru 2, Sliema Road, Gzira, detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 376997M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija CLARE BORG li giet akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Marzu, 2001, ghall-habta tas-2.30 ta’ fil-ghodu, matul il-gurnata tas-6 ta’ Marzu, 2001:

F’dawn il-Gzejjer, attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-persuni ta’ WPC 6 Maurine Tarpey, u WPC 112 Florence Grech, persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi minn awtorita’ kompetenti bi ksur ta’ l-Artikolu 96 u 96(a) tal-Kodici Kriminali:

U aktar talli go Gwardamangia, ghall-habta tal-hdax, u cirkostanzi, ingurjat jew hebbet jew ghamlet offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPC 146 Joanne Scicluna, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienet taghmel jew minhabba li kienet taghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezza’ jew li tinfluwixxi fuqha kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz ta’ l-Artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali;

U aktar talli fl-istess data, lok, u  cirkostanzi, ikkagunat feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ WPC 146 Joanne Scicluna skond ma ccertifikat Dr R Patiniott MD tal-Poliklinika tal-Florjana;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u bi glied;

U aktar talli bil-lejl kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali;

U aktar talli volontarjamente kisret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u bi glied, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali;

U kif ukoll talli saret recidiva fit-terminu ta’ l-Artikolu 50 b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta tat-8 ta’ Lulju, 1997, Awla 13, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni ta’ Clare Borg registrata fis-seduta ta’ April, 2001, u sussegwentement ikkonfermata fis-seduta ta’ nhar l-10 ta’ Ottubru, 2007.

Ikkunsidrat:

Li in vista’ tan-natura sommarja tal-kawza u l-ammissjoni ta’ l-imputata, ma tressqu ebda provi fuq il-mertu. Minn naha l-ohra nstemghu diversi provi dwar il-vizzjijiet li jaffliggu lill-imputata, addizzjoni ta’ droga, u hajja fil-prostituzzjoni. Kien ghalhekk illi din il-Qorti ghal diversi drabi ppruvat li tghin lill-imputata li tidhol u tispicca b’success programm residenzjali – kollox bla success. Mhux talli hekk, talli Clare Borg anke naqset ghal diversi drabi li zzomm mal-kundizzjonijiet imposti fuqha ta’ liberta’ provizorja ghal diversi drabi – donnu Clare Borg ma tifhimx il-kelma awtorita’ u ftit ghandha rispett lejha.

Tista’ tghid din il-Qorti li nhela hafna zmien taghha u ta’ l-Ufficjal tal-Probation ma’ Clare Borg, frankament ghal xejn. Mhux talli hekk, talli Clare Borg, biex tgharraq aktar is-sitwazzjoni taghha, ghal tul konsiderevoli ta’ zmien naqset anke li tidher ghas-seduti, issa ghax telqet mill-programm residenzjali ordnat lilha mill-Qorti, bil-konsegwenza li ma nstabitx iktar, u ghalhekk din il-kawza ttardat fi zmien irragonevoli.

Xejn m’ghandha izjed xi tghid din il-Qorti hlief li Clare Borg uriet ghal diversi drabi li hi ma tridx taf b’ghajnuna u trid twebbes rasha fit-triq illi qabdet, ghalhekk ma thalli ebda triq ohra lill-Qorti hlief li wara li ssibha hatja fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikoli 96, 95, 221, 338, 339, u 61 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-imsemmi Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannaha ghal piena karcerarja ta’ sitt(6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------